Central Mediterranean Developments Corporation Limited (C453) ta' Leisure House, 30, Triq l-Arċisqof, Il-Belt Valletta, ippreżentat Talba, fl-24 ta' Novembru, 2023, fejn talbet lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Joseph Tabone Jacono ta' Villa 334, Triq in-Nixxiegħa, Santa Maria Estate, Il-Mellieħa, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €4658.56, liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 4th January, 2024, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service on the respondent Joseph Tabone Jacono in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Central Mediterranean Developments Corporation Limited (C453) of Leisure House, 30, Triq l-Arċisqof, Valletta, filed a Claim on the 24th November, 2023, whereby they asked the Tribunal to condemn Joseph Tabone Jacono of Villa 334, Triq in-Nixxiegħa, Santa Maria Estate, Mellieħa, to pay the plaintiff company the sum of €4658.56, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests

Il-kawża (Avviż numru 426/2023CC) hija differita għall-10 ta' April, 2024, fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 22 ta' Marzu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The case (Claim number 426/2023CC) is deferred on the 10th April, 2024, at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 22nd March, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

703

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-26 ta' Settembru, 2023, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Vodafone Malta Limited illum Epic Communications Limited (C10865) ta' Skyparks Business Centre, Malta International Airport, Ħal Luqa LQA 4000, ippreżentaw Talba, fid-19 ta' Settembru 2023, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Adrian Gomes (KI 0069077M) ta' 135, Triq il-Mahsel, Marsaskala, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €3226.23, liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet

Il-kawża (Avviż numru 351/2023CC) hija differita għall-10 ta' April, 2024, fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum 22 ta' Marzu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 26th September, 2023, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Vodafone Malta Limited (C 10865) today Epic Communications Limited (c 10865) of Skyparks Business Centre, Malta International Airport, Ħal Luqa LQA 4000, filed a Claim on the 19th September, 2023, whereby they asked the Tribunal to condemn Adrian Gomes (ID 0069077M) of 135m Triq il-Maħsel, M'Scala, to pay the plaintiff company the sum of €3226.23, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests

The case (Claim number 351/2023CC) is deferred on the 10th April, 2024, at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 22nd March, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

704

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-6 ta' Marzu, 2024, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Christoph Greving (KI 155223A) ta' 127, Triq il-Kulleġġ l-Antik, 1390, Tas-Sliema, ppreżenta talba fid-29 ta' Awwissu, 2023, fejn talab lill-Qorti sabiex tikkundanna lil Estea Limited (C74300) ta' 188, Vjal il-Wieħed u Għoxrin ta' Settembru, In-Naxxar, u/jew Monpaloe Bld, Triq it-Torri, L-Imsida, sabiex tħallas lill-attur is-somma ta' €5,500, liema ammont huwa dovut lill-attur.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax

By a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 6th March, 2024, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Christoph Greving (ID 155223A) of 127, Triq il-Kulleġġ l-Antik, 1390, Tas-Sliema, filed a Claim on the 29th August, 2023, whereby he asked the Court to condemn Estea Limited (C74300) of 188, Vjal il-Wieħed u Għoxrin ta' Settembru, Naxxar, and/or Monpaloe Bld, Triq it-Torri, Msida, to pay the plaintiff the sum of €5,500, which amount is due to the plaintiff.

With costs and interests

Il-kawża (Avviż numru 212/2023JG) fl-ismijiet Christoph Greving vs Estea Limited tinsab differita għall-24 ta' April, 2024, f'12.10p.m.

Notifika: Estea Limited (C74300) ta' 188, Vjal il-Wieħed u Għoxrin ta' Settembru, In-Naxxar, u/jew Monpaloe Bld, Triq it-Torri, L-Imsida

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 22 ta' Marzu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

The case (Notice number 212/2023JG) in the names Christoph Greving vs Estea Limited is postponed for hearing for the 22nd April, 2024, at 12.10 p.m.

Notification: Estea Limited (C74300) of 188, Vjal il-Wieħed u Għoxrin ta' Settembru, Naxxar, and/or Monpaloe Bld, Triq it-Torri, Msida

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 22nd March, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

705

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-8 ta' Frar, 2024, fuq talba ta' Ophelia Curmi ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-padruni diretti mhux magħrufa fl-atti taċ-ċedola numru 201/2024 fl-ismijiet Ophelia Curmi vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegewenti:

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens numru 201/2024 fl-ismijiet Ophelia Curmi mart Joseph Curmi (KI 83937M), bint il-mejtin Joseph Sammut u Ersilia Sammut née Busuttil, imwielda fis-16 ta' Jannar, 1937, fil-Ħamrun, u toqgħod 190, Josgem, Triq Salvu Psaila, Birkirkara, vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-padruni diretti mhux magħrufa tal-fond numru 8 qabel numru 46, fi Triq Dun Edgar Vella, qabel magħrufa bħala Triq Vitale, Ħamrun, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fil-25 ta' Jannar, 2024, fejn Ophelia Curmi esponiet bir-rispett:

Illi b'kuntratt ta' dikjarazzjoni causa mortis u diviżjoni, pubblikat min-Nutar Dott. Mario Felice fit-2 ta' Mejju, 1994, l-esponenti Ophelia Curmi ġiet assenjata l-utile dominju perpetwu tal-mezzanin uffiċjalment immarkat bin-numru 46 fi Triq Vitale, Il-Ħamrun, bid-drittijiet u l-pertinenzi tiegħu, suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' Lm0.66,7 ekwivalenti llum għal €1.55 altrimenti liberu u frank kif delinenat fil-pjanta annessa Dok. X;

Illi l-esponenti kienet wirtet sehem minn dan il-fond, flimkien ma' ħutha, mingħand ommha Erisilia Sammut li mietet fit-13 ta' Ġunju, 1993, u l-att ta' dikjarazzjoni causa mortis relattiv għal din is-suċċessjoni ġie pubblikat min-Nutar Dott. Mario Felice fid-9 ta' Novembru, 1993 u t-taxxa relattiva tħallset;

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 8th February, 2024, following a request by Ophelia Curmi vs Deputy Curators to represent the unknown direct owners in the records of the schedule of deposit number 201/2024 in the names Ophelia Curmi vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and redemption of groundrent, number 201/2024 in the names of Ophelia Curmi, wife of Joseph Curmi (ID 83937M) daughter of the late Joseph Sammut and Ersilia Sammut née Busuttil, born on the 16th January, 1937, in Ħamrun and residing at 190, Josgem, Triq Salvu Psaila, Birkirkara, vs Deputy Curators to represent the unknown direct owners of the premises 8 previously 46 in Triq Dun Edgar Vella previously Triq Vitale, Ħamrun, filed in the First Hall of the Civil Court on the 25th January 2024 the applicant Ophelia Curmi respectfully submitted:

That by means of a deed of declaration causa mortis and division, published by Notary Dr Mario Felice on the 2nd May, 1994, the applicant Ophelia Curmi was assigned the perpetual utile dominium of the mezzanine officially marked with number 46 in Triq Vitale, Ħamrun, with its rights and appurtenances, subject to the annual and perpetual groundrent of Lm0.66,7 equivalent today to €1.55 otherwise free and unencumbered as delineated in the attached plan Doc. X;

That the applicant had inherited a share of this premises, together with her siblings, from her mother Erisilia Sammut who died on the 13th June, 1993, and the deed of declaration causa mortis relative to this succession was published by Notary Dr Mario Felice on the 9th November, 1993, and the relative tax was paid;

Illi l-imsemmija Ersilia Sammut kienet ġiet assenjata dan l-utile dominju perpetwu tal-fond imsemmi b'att ta' diviżjoni pubblikat min-Nutar Dott. Joseph Cachia fis-7 ta' Frar, 1980;

Illi preċedentement, missier Ersilia Sammut, u ċjoè Angelo Busuttil, kien akkwista dan l-utile dominju tal-fond 46, Triq Vitale, Il-Ħamrun, f'bejgħ miżmum taħt l-awtorità tal-Prim'Awla tal-Qorti fuq talba ta' Mario Blackman, wara l-eżerċizzju ta' dritt ta' rkupru, b'liberazzjoni li seħħet fit-23 ta' Jannar, 1952, u li giet insinwata fir-Reġistru Pubbliku bin-nota numru 333/1952 bħala suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' tlettax-il xelin u erba' soldi (13s.4d) ekwivalenti għal Lm0.66,7 u llum għal €1.55;

Illi l-konċessjoni enfitewtika orġinali dwar dan il-fond kienet saret minn Lily mart Robert Pace favur John Pace b'att tan-Nutar Dottt. Giuseppe Sammut tat-22 ta' Ottubru, 1951. Permezz tal-imsemmi att, id-direttarja Pace kienet ikkonċediet b'titolu ta' enfitewsi perpetwa b'seħħ mit-22 ta' Ottubru, 1951, sit fabrikabbli fil-Ħamrun, fi Triq Carini, denominat Tal Montichiglia tal-kejl superfiċjali ta' ċirka 107qk konfinanti min-Nofsinhar ta' Triq Carini, mit-Tramuntana ma' Sqaq il-Kunċizzjoni u mill-Punent ma' triq ġdida mingħajr isem, biċ-ċens annwu u perpetwu fuq is-sit shih ta' £13.7.6 maħdum bir-rata ta' żewġ xelini u sitt soldi (2s 6d) kull qasba kwadra, u mingħajr kundizzjonijiet jew restrizzjonijiet oħra li jgħabbu l-art jew il-benefikati favur il-padruna diretta;

Illi bl-Avviż numru 557 li deher fil-Gazzetta tal-Gvern tad-29 ta' Lulju, 1997, isem it-triq fejn jinsab dan il-fond inbidel minn Triq Vitale, għal Triq Dun Edgar Vella, filwaqt li bl-Avviż numru 281 li deher fil-Gazzetta tal-Gvern tat-3 ta' April, 1998, in-numru ufficjali ta' dan il-fond inbidel minn 46 għal 8;

Illi l-esponent ma tafx l-identità tal-padrun dirett illum;

Illi sabiex teżimi ruħha mnn kull responsabbiltà, l-esponenti tixtieq tiddepożita favur il-padrun dirett mhux magħruf l-arretrati taċ-ċens għall-aħħar ħames (54) snin, ammontanti għal €7.75 filwaqt li tipprevalixxi ruħha mill-fakultà mogħtija lilhom bl-artikolu 1501 tal-Kodiċi u tifdi għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi l-istess ċens;

Illi ċ-ċens ta' Lm0.66,7 ekwivalenti llum għal €1.55 kapitalizzat bir-rata ta' 5% jammonta għal €155.

Għaldaqstant, l-esponenti qiegħda tadixxi lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha tiddepożita s-somma ta' €7.75 għas-saldu ta' kwalunkwe arretrati taċ-ċens talvolta dovuti lill-padrun dirett tal-fond 8 qabel 46,

That the said Ersilia Sammut had been assigned this perpetual utile dominium of the premises mentioned by a deed of division published by Notary Dr Joseph Cachia on the 7th February, 1980;

That previously, Ersilia Sammut's father, and namely Angelo Busuttil, had acquired this utile dominium of the premises 46, Triq Vitale, Ħamrun, in a sale held under the authority of the First Hall Civil Court following a request of Mario Blackman, following the exercise of a right of recovery, by acquittal which occurred on the 23rd January, 1952, and which was registered in the Public Registry with note number 333/1952 as subject to the annual and perpetual groundrent of thirteen shillings and four pence (13s.4d) equivalent to Lm0.66,7 and today to €1.55;

That the original emphyteutical concession regarding this premises was made by Lily wife of Robert Pace in favour of John Pace by deed of Notary Dr Giuseppe Sammut of the 22nd October, 1951. By means of the said deed, the direct owner Pace had granted by title of perpetual emphyteusis with effect from the 22nd October, 1951, a developable site in Ħamrun, in Triq Carini, denominated Tal Montichiglia of the superficial area of circa 107 sq canes bounded on the south of Triq Carini, on the north by Sqaq il-Kunċizzjoni and on the west by a new unnamed road, annual and perpetual groundrent on the full site of £13.7.6 calculated at the rate of two shillings and six pence (2s 6d) per square cane, and without any other conditions or restrictions that burden the land or the ameliorations in favour of the direct owner;

That by means of the Notice number 557 which appeared in the Government Gazette of the 29th July 1997 the name of the street where this premises is situated changed from Triq Vitale, to Triq Dun Edgar Vella, whilst by the Notice number 281 which appeared in the Government Gazette of the 3rd April, 1998, the official number of this premises changed from 46 to 8;

That the applicant does not know the identity of the direct owner today;

That in order to exempt herself from all responsibility, the applicant wishes to deposit in favour of the unknown direct owner the arrears of groundrent for the last five (54) years, amounting to €7.75 whilst availing herself of the faculty given to them by Article 1501 of the Civil Code and redeem for all intents and purposes of law the same groundrent;

That the groundrent of Lm0.66,7 equivalent today to €1.55 capitalised at the rate of 5% amounts to €155.

Thus, the applicant is calling upon this Honourable Court and under its Authority depositing the sum of €7.75 for the settlement of any arrears of groundrent due to the direct owner of the premises 8 before 46, in Triq Dun Edgar Vella

fi Triq Dun Edgar Vella (qabel Triq Vitale), Il-Ħamrun, u s-somma ta' €155 prezz tal-fidi taċ-ċens annwu u perpetwu gravanti l-istess fond 8, Triq Dun Edgar Vella, Il-Ħamrun, għas-saldu ta' kwalunkwe prezz ta' fidi ta' dan iċ-ċens u liema somma għandha tiġi liberament mogħtija lil min għandu jedd għaliha, wara li jħalli d-debita riċevuta għas-saldu.

Notifika: Direttur tar-Reġistru Pubbliku, 34, Triq l-Arċisqof, il-Belt Valletta

Reġistratur tal-Artijiet, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor Imħallef Doreen Clarke, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 8 ta' Frar, 2024

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Marzu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

(before Triq Vitale), Ħamrun and the sum of €155 price of the annual and perpetual groundrent burdening the same premises 8, Triq Dun Edgar Vella, Ħamrun for the settlement of any redemption price of this groundrent and which sum is to be freely given to the right holder, after leaving the due receipt for settlement.

Notification: Director Public Registry, 34, Triq l-Arċisqof, Valletta

Lands Registrar Casa Bolino, Triq il-Punent, Valletta

Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Madam Justice Doreen Clarke, LLD, Doctor of Laws.

Today 8th February, 2024

Registry of the Superior Courts, today 22nd March, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

706

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fis-6 ta' Lulju, 2023, fuq talba ta' Luca Pasqualotto ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eredi mhux magħrufa fl-atti taċ-ċedola numru 1338/2023 fl-ismijiet Luca Pasqualotto vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegewenti:

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens numru 1338/2023 fl-ismijiet Luca Pasqualotto, Managing

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 6th July, 2023, following a request by Luca Pasqualotto vs Deputy Curators to represent the unknown heirs in the records of the schedule of deposit number 1338/2023 in the names Luca Pasqualotto vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and redemption of groundrent, number 1338/2023 in the names of Luca

Director, bin Maurizio Pasqualotto u Tiziana Antonia Monti, imwieled f'Castellanza l-Italja u joqgħod Birżebbuġa (KI 0183411A) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eredi kollha ta' Carmelo Zammit, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fit-28 ta' Ġunju, 2023, fejn Luca Pasqualotto (KI 0183411A) espona bir-rispett:

Illi permezz ta' kuntratt ta' akkwist fl-atti tan-Nutar Dott. Luca Burlo datat 17 ta' Jannar, 2018, l-esponenti Luca Pasqualotto kien akkwista mill-poter ta' Christopher Cuschieri u Karen Cushieri l-penthouse internament numerat bin-numru 8 li tifforma parti minn blokk ta' appartamenti bin-numru uffiċjali 35 fi Triq San Patrizju f'Birżebbuġa, liema kuntratt qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok. A. Illi l-pjanta tal-penthouse de quo qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. B;

Illi għal kull bon fini qiegħed jiġi dikjarat illi minn riċerka illi saret jirrizulta li:

i. Oriġinarjament l-art fuq liema nbniet l-penthouse de quo kienet tifforma parti minn porzjoni akbar diviża ta' art ta' superfice ta' ċirka 159qk formanti parti mill-art denominata Tal-Gurgier fi Triq San Patrizju f'Birżebbuġa, liema art oriġinarjament kienet tappartjeni lil Carmelo Zammit li kien kkonċedieha b'ċens perpetwu lil Emanuel Baldacchino permezz ta' kuntratt ta' emfitewsi fl-Atti tan-Nutar Dott. Giovanni Vella datat 28 ta' Diċembru, 1944 (hawn anness u mmarkat bħala Dok. C) liema porzjoni diviża ta' art kienet suġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' seba' liri ħames xelini u disa' soldi (Lm7.5.9) li jitħallsu kull sena b'lura fis-16 ta' Lulju. Illi Emanuel Baldacchino kien ġja bena terran u mezzanin a spejjeż tiegħu fuq parti minn din il-porzjoni diviża ta' art, u dan kif muri fil-pjanta annessa mal-istess Dok. C,

ii. Sussegwentement, b'kuntratt ta' donazzjoni ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dott. George Cassar datat 2 ta' Mejju, 1981, Raphael Baldacchino akkwista l-mezzanin numru 42 b'titolu ta' donazzjoni mingħand il-ġenituri tiegħu Emanuel Baldacchino u Concetta née Vella,

iii. Illi Emanuel Baldacchino miet fl-10 ta' Marzu, 1987, filwaqt li Concetta Baldacchino mietet fit-18 ta' April, 1983. It-testatur Emanuel Baldacchino ħalla bħala eredi universali lil uliedu Doris Mifsud née Baldacchino, Josephine Callus née Baldacchino, Raphael Baldacchino, Joseph Baldacchino, Paul Baldacchino u Catherine Abdilla née Baldacchino u filwaqt li t-testatriċi Concetta Baldacchino ħalliet bħala eredi universali tagħha lil uliedha Raphael Baldacchino, Joseph Baldacchino, Paul Baldacchino u Catherine Abdilla née Baldacchino,

iv. Illi Raphael Baldacchino miet ġuvni fil-21 ta' April, 2005, mingħajr testment u wirtuh ħutu kollha u ċjoè Doris

Pasqualotto, managing director, son of Maurizio Pasqualotto and Tiziana Antonia Monti, born in Cast4ellanza Italy and residing in Birżebbuġa (ID 0183411A) vs Deputy Curators to represent the unknown heirs of Carmelo Zammit, filed in the First Hall of the Civil Court on the 28th June 2023 the applicant Luca Pasqualotto (ID 0183411A) respectfully submitted:

That by means of a contract of acquisition in the records of Notary Dr Luca Burlo dated 17th January, 2018, the interpellant Luca Pasqualotto had acquired from the power of Christopher Cushcieri and Karen Cuschieri the penthouse internally numbered 8 which forms part of a block of apartments with official number 35 in Triq San Patrizju in Birżebbuġa, which contract is here attached and marked as Doc. A. that the plan of the penthouse de quo is being here attached and marked as Doc. B;

That for all intents and purposes it is being declared that from research carried out it results that:

i. Originally the land on which the penthouse de quo was built formed part of a larger divided portion of land of superfice of about 159 square canes forming part of the land denominated Tal-Gurgier in Triq San Patrizju in Birżebbuġa, which land originally belonged to Carmelo Zammit who had granted it by perpetual groundrent to Emanuel Baldacchino by means of a contract of emphyteusis in the records of Notary Doctor Giovanni Vella dated 28th December, 1944 (here attached and marked as Doc. C) which divisable portion of land was subject to the annual and perpetual groundrent of seven liri five shillings and nine pence (Lm7.5.9) payable annually in arrears on the 16th July. That Emanuel Baldacchino had already built a ground floor premises and mezzanine at his own expense on part of this divided portion of land, and this as shown in the plan attached with the same Doc. C,

ii. Subsequently, by a deed of donation published in the records of Notary Dr George Cassar dated 2nd May, 1981, Raphael Baldacchino acquired the mezzanine number 42 by title of donation from his parents Emanuel Baldacchino and Concetta née Vella,

iii. That Emanuel Baldacchino died on the 10th March, 1987, whilst Concetta Baldacchino died on the 18th April, 1983. Testator Emanuel Baldacchino left as universal heir his children Doris Mifsud née Baldacchino, Josephine Callus née Baldacchino, Raphael Baldacchino, Joseph Baldacchino, Paul Baldacchino and Catherine Abdilla née Baldacchino and while testator Concetta Baldacchino left as her universal heir her children Raphael Baldacchino, Joseph Baldacchino, Paul Baldacchino and Catherine Abdilla née Baldacchino,

iv. That Raphael Baldacchino died as bachelor on the 21st April, 2005, without a will and was inherited by all his brothers

Mifsud née Baldacchino, Josephine Callus née Baldacchino, Joseph Baldacchino, Paul Baldacchino u Catherine Abdilla née Baldacchino (iktar 'il quddiem ilkoll flimkien imsejħa 'aħwa Baldacchino'),

v. Illi permezz ta' kuntratt ieħor fl-atti tan-Nutar Dott. Marco Burlo, datat l-1 ta' Ġunju, 2006, l-aħwa Baldacchino biegħu u trasferixxu l-mezzanin numru 33 ġja numru 42 sovrapost għat-terran numru 34 ġja 41 lis-soċjetà Krigar Developments Limited (C30913), liema mezzanin kien suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' 84c6m ekwivalenti għal ċirka €1.97,

vi. Illi s-soċjetà Krigar Developments Limited iddemoliet u żviluppat il-mezzanin sopradeskritt u l-arja tiegħu flimkien mat-terran sopradeskritt u kantina, liema terran u kantina ġew akkwistati mill-istess soċjetà permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dott. Marco Burlo datat 13 ta' Frar, 2008, u minflok ikkostruwit blokk konsistenti f'garage complex fis-semi-basement level, maisonette, tliet appartamenti u penthouse (aktar 'il quddiem imsejjaħ il-Blokk) liema art qiegħda tiġi delinjata fuq il-Land Registry Site Plan hawn annessa u mmarkata bħala Dok. D,

vii. Illi l-penthouse de quo li tifforma parti minn dan il-Blokk żviluppat mis-soċjetà Krigar Developments Limited, ġie akkwistat mill-esponenti permezz tal-kuntratt su-riferit;

Illi l-kuntratt tal-akkwist tal-penthouse de quo (Dok. A) jistipola illi l-istess penthouse huwa suġġett għas-sehem tiegħu proporzjonali taċ-ċens annwu u perpetwu gravanti l-Blokk. Illi s-sehem proporzjonali ta' ċens qiegħed jiġi kkalkulat ċirka €0.70 u dan skont is-segwenti konsiderazzjonijiet:

i. Illi s-sit fejn ġie kostruwit il-Blokk kien oriġinarjament jikkonsisti f'mezzanin u terran u skont l-att ta' donazzjoni sopra ċitat, dawn il-fondi kienu suġġetti għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' €1.97 u €1.96 rispettivament u ċjoè flimkien ammontanti għal €3.93,

ii. Illi għalhekk is-sehem taċ-ċens proporzjonali gravanti l-penthouse de quo huwa dak ta' ċirka €0.70;

Illi s-sid jew sidien li għandhom id-directus dominus ta' din il-penthouse huma injoti għall-esponenti u dan minkejja kull tentattiv illi sar minnhom u għalhekk qiegħed jiġi ppreżentat rikors kontestwali biex jinħatru kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw is-sid jew sidien mhux magħrufa;

Illi llum l-esponenti jixtieq li jipprevalixxi ruħu mill-fakultà lilu mogħtija skont il-liġi u dan ai termini tal-Artikolu

and namely Doris Mifsud née Baldacchino, Josephine Callus née Baldacchino, Joseph Baldacchino, Paul Baldacchino and Catherine Abdilla née Baldacchino (hereinafter together referred to as 'brothers and sisters Baldacchino'),

v. That by means of another contract in the records of Notary Dr Marco Burlo, dated 1st June, 2006, the brothers and sisters Baldacchino sold and transferred the mezzanine number 33 previously number 42 overlying the tenement number 34 previously 41 to the company Krigar Developments Limited (C30913), which mezzanine was subject to the annual and perpetual groundrent of 84c6m equivalent to €1.97,

vi.That the company Krigar Developments Limited demolished and developed the above described mezzanine and its airspace together with the above described terrain and cellar, which terrain and cellar were acquired by the same company by means of a contract in the records of Notary Dr Marco Burlo dated 13th February, 2008, and instead built a block consisting in a garage complex at the semi-basement level, maisonette, three apartments and penthouse (hereinafter referred to as the Block) which land is being delineated on the Land Registry site. Plan hereby attached and marked as Doc. D,

vii. That the penthouse de quo forming part of this Block developed by the company Krigar Developments Limited, was acquired by the applicant by means of a contract above referred to;

That the contract of acquisition of the penthouse de quo (Doc. A) stipulates that the same penthouse is subject to its proportional share of the annual and perpetual groundrent burdening the Block. That the proportional share of groundrent is being calculated circa €0.70 and this according to the following considerations:

i. That the site where the Block was built originally consisted of a mezzanine and ground floor premises and according to the above mentioned deed of donation, these premises were subject to the annual and perpetual groundrent of €1.97 and €1.96 respectively and that is together amounting to €3.93,

ii. That thus the share of the proportional groundrent burdening the penthouse de quo is that of about €0.70;

That the owner or owners who have the directus dominus of this penthouse are unknown to the applicants and this despite any attempt made by them and thus a contextual application is being filed for the appointment of deputy curators to represent the unknown owner or owners;

That today the applicants wish to avail themselves of the faculty given to them according to law and this in

1501 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u jifdu dan l-istess ċens annwu u perpetwu ta' €0.70 liema ċens relattiv għandu jiġi mifdu bir-rata ta' 3% u dan kif stipulat fil-kuntratt ta' emfitewsi su ċitat li jiġi hekk kapitalizzat fl-ammont ta' €23.34;

Illi kontestwalment l-esponenti qiegħed jirregola ruħu mal-istess liġi u permezz tal-preżenti ċedola ta' depożitu qiegħed jiddepożita a favur tal-mittenti is-somma ta' €8.40 rappreżentanti ċens annwu u perpetwu mhux imħallas għassena dekorribbli mis-16 ta' Lulju 2011 sas-16 ta' Lujlu, 2023;

Illi l-esponenti sabiex jottempra ruħu mal-liġi qiegħed jiddepożita wkoll is-somma ta' €0.70 rappreżentanti laudemium.

Għaldaqstant, l-esponenti qiegħed umilment jadixxi lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha qiegħed jiddepożita s-somma globali ta' €32.44 konsistenti flammont ta' €23.34 prezz tal-fidi taċ-ċens annwu u perpetwu hawn fuq imsemmi, l-ammont ta' €8.40 rappreżentanti l-ħlas ta' arretrati ta' ċens kif hawn aktar 'il fuq deskritt u l-ammont ta' €0.70 rappreżentanti ħlasijiet tad-dritt tallawdemju, sabiex din l-istess somma hekk depożitata tkun tista' tingħata liberament lil min għandu dritt skont il-liġi wara li tiġi rilaxxjata d-debita riċevuta skont il-liġi.

Esponenti: 35, P/H 8, Triq San Patrizju, Birżebbuġa.

Notifika: Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Reġistru Pubbliku, Il-Belt Valletta
Dipartment tar-Reġistru tal-Artijiet, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta
Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħzel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bixxhieda tal-Onor. Imħallef Toni Abela, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 6 ta' Lulju, 2023

terms of Article 1501 of Cap. 16 of the Laws of Malta and redeem the same annual and perpetual groundrent of €0.70 which relative groundrent is to be redeemed at the rate of 3% and this as stipulated in the contract of emphyteusis and mentioned which is so capitalised in the amount of €23.34;

That at the same time the interpellants are regulating themselves with the same law and by means of the present schedule of deposit are depositing in favour of the interpellant the sum of €8.40 representing annual and perpetual groundrent not paid for the year running from the 16th July 2011 till the 16th July, 2023;

That the applicants in order to abide with the law are depositing also the sum of €0.70 representing laudemium.

Thus, the applicants are humbly calling upon this Honourable Court and under its authority are depositing the global sum of €32.44 consisting in the amount of €23.34 price of redemption of the annual and perpetual groundrent above mentioned, the amount of €8.40 representing the payment of arrears of groundrent as above described and the amount of €0.70 representing the fees of the laudemium, so that this same sum deposited can be freely given to whoever has a right according to law after leaving the due receipt according to law.

Applicants: 35, P/H 8, Triq San Patrizju, Birżebbuġa

Notification: Director Public Registry, Public Registry, Valletta
Dipartment of Land Registry, Triq il-Punent, Valletta

Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Toni Abela, LLD, Doctor of Laws.

Today 6th July, 2023

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Marzu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 22nd March, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

707

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fl-20 ta' Frar, 2024, Rikors numru 166/2024, minn Sarah sive Sara Curmi née Bonnici fejn talbet li tiġi ddikjarata miftuħa favur tagħha s-suċċessjoni ta' Simon Bonnici, armel ta' Paola Bonnici née Camilleri, bin il-mejtin Lorenzo Bonnici u Giuseppa Bonnici née Micallef, imwieled in-Naxxar, Malta, kien residenti n-Naxxar, Malta, u miet l-Imsida, Malta, fis-26 ta' Ottubru, 2023, ta' 70 sena, u li kellu karta tal-identità numru 207253M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 22 ta' Marzu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 20th February, 2024, Application number 166/2024, by Sarah sive Sara Curmi née Bonnici whereby she requested that it be declared open in her favour the succession of Simon Bonnici widower of Paola Bonnici née Camilleri, son of the late Lorenzo Bonnici and Giuseppa Bonnici née Micallef, born in Naxxar, Malta, resided in Naxxar, Malta, and died in Msida, Malta, on the 26th October, 2023, aged 70, and who held identity card number 207253M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 22nd March, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

708

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-22 ta' Frar, 2024, Rikors numru 174/2024, minn Elena Abdilla et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Elena Abdilla omm id-decujus fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż u r-rimanenti nofs (1/2) indiviż favur Diane Abdilla oħt id-decujus is-suċċessjoni ta' Dennis sive Dionisio Abdilla, ġuvni, bin Carmelo Abdilla u Helen Abdilla née Azzopardi, imwieled Tal-Pietà, Malta, kien residenti s-Siggiewi, Malta u miet l-Imsida, Malta, fid-19 ta' Diċembru, 2023, ta' 58 sena, u li kellu karta tal-identità numru 28466M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 22nd February, 2024, Application number 174/2024, by Elena Abdilla et whereby they requested that it be declared open in favour of Elena Abdilla mother of the decujus in the quota of one half (1/2) undivided share and the remaining one half (1/2) undivided share infavour of Diane Abdilla sister of the decujus the succession of Dennis sive Dionisio Abdilla, bachelor, son of Carmelo Abdilla and Helen Abdilla née Azzopardi, born in Tal-Pietà, Malta, resided in Siġġiewi, Malta, and died in Msida, Malta, on the 19th December, 2023, aged 58, and who held identity card number 28466M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Illum 22 ta' Marzu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Today 22nd March, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

709

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fl-20 ta' Frar, 2024, Rikors numru 168/2024, minn Sarah sive Sara Curmi née Bonnici fejn talbet li tiġi ddikjarata miftuħa favur tagħha s-suċċessjoni ta' Paola Bonnici née Camilleri, mart Simon Bonnici, bint il-mejtin Carmelo Camilleri u Carmela Camilleri née Falzon, imwielda n-Naxxar, Malta, kienet residenti n-Naxxar, Malta, u mietet l-Imsida, Malta, fl-14 ta' Ottubru, 2022, ta' 72 sena, u li kellha karta tal-identità numru 328050M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 20th February, 2024, Application number 168/2024, by Sarah sive Sara Curmi née Bonnici whereby she requested that it be declared open in her favour the succession of Paola Bonnici née Camilleri, wife of Simon Bonnici, daughter of the late Carmelo Camilleri and Carmela Camilleri née Falzon, born in Naxxar, Malta, resided in Naxxar, Malta, and died in Msida, Malta, on the 14th October, 2022, aged 72, and who held identity card number 328050M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Illum 22 ta' Marzu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Today 22nd March, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

710

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-23 ta' Ġunju, 2023, Rikors numru 1257/2023, minn Catherine Fenech fejn talbet li tiġi ddikjarata miftuħa favur Catherine Fenech bint id-decujus is-suċċessjoni ta' Francis Felice, armel ta' Mary Felice née Briffa, bin il-mejtin Emanuel Felice u Rita Felice née Mamo, imwieled il-Belt Valletta, kien residenti l-Iklin, Malta, u miet l-Imsida fit-3 ta' Frar, 2023, ta' 75 sena, u li kellu karta tal-identità bin-numru 839947M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 23rd June, 2023, Application number 1257/2023, by Catherine Felice whereby she requested that it be declared open in favour of Catherine Felice daughter of the decujus the succession of Francis Felice, widower of Mary Felice née Briffa, son of the late Emanuel Felice and Rita Felice née Mamo, born in Valletta, resided in Iklin, Malta, and died in Msida, Malta, on the 3rd February, 2023, aged 75, and who held held identity card number 839947M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Illum 22 ta' Marzu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Today 22nd March, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

711

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fl-1 ta' Novembru, 2023, Rikors numru 1837/2023, minn Joseph Galea et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Joseph Galea, żewġ Mary Helen Galea fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż u r-rimanenti nofs (1/2) indiviż favur Julian Joseph Galea u Chanel Galea ulied id-decujus fi kwota ta' kwart (1/4) indiviż kull wieħed u waħda minnhom is-suċċessjoni ta' Mary Helen Galea née Baldacchino, magħrufa bħala Marlene Galea, mart Joseph Galea, bint il-mejtin Maurice Baldacchino u Lorenza Baldacchino née Mamo, imwielda Tal-Pietà, Malta, kienet residenti s-Swieqi, Malta, u mietet is-Swieqi, Malta, fit-12 ta' Awwissu, 2023, ta' 66 sena, u li kellha karta tal-identità numru 173557M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 1st November, 2023, Application number 1837/2023, by Joseph Galea et whereby they requested that it be declared open in favour of Joseph Galea, husband of Mary Helen Galea in the quota of one half (1/2) undivided share and the remaining one half (1/2) undivided share in favour of Julian Joseph Galea and Chanel Galea children of the decujus in the quota of one forth (1/4) undivided share each one of them the succession of Mary Helen Galea née Baldacchino, known as Marlene Galea, wife of Joseph Galea, daughter of the late Maurice Baldacchino and Lorenza Baldacchino née Mamo, born in Tal-Pietà, Malta, resided in Swieqi, Malta, and died in Swieqi, Malta, on the12th August, 2023, aged 66, and who held identity card number 173557M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Illum 22 ta' Marzu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Today 22nd March, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

712

Avviż mir-Reġistru tal-Qorti tal-Maġistratti (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

Billi Lilly sive Emanuela Moore (karta tal-identità numru 6759G) ippreżentat rikors ġuramentat bin-numru ta' referenza 5/2024 (SG) fl-ismijiet 'Lilly sive Emanuela Moore vs Direttur Reġistru Pubbliku', fejn talbet il-korrezzjoni fl-Att tat-Twelid tagħha li jġib in-numru progressiv 67/1959 kif reġistrat fir-Reġistru Pubbliku tar-Rabat, Għawdex, liema korrezzjoni għandha tiġi riflessa wkoll f'kull att tal-istat ċivili tagħha.

Kull min jista' jkollu interess fih, u jixtieq jopponi dik it-talba, huwa b'dan imsejjaħ jagħmel dan, permezz ta' nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' din il-Qorti, fi żmien ħmistax-il jum mill-jum tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Notice by the Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section

Whereas Lilly sive Emanuela Moore (identity card number 6759G) filed a sworn application bearing reference number 5/2024 (SG) in names 'Lilly sive Emanuela Moore vs Director of Public Registry', wherein she requested the CORRECTION in her Act of Birth bearing progressive number 67/1959 as registered in the Public Registry of Victoria, Gozo, which correction should also be reflected in every act of her civil status.

Whoever may have an interest in it, and wishes to oppose that request, is hereby called upon to do so by means of a note to be presented in the Registry of this Court, within fifteen days from the day of publication of this notice in the Government Gazette.

Dawk li, fiż-żmien hawn fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu mgħarrfa bin-notifika ta' kopja tal-imsemmi rikors ġuramentat, bil-ġurnata li tiġi ffissata għas-smigħ tal-kawża.

B'digriet tal-Qorti

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

Illum 8 ta' Marzu, 2024

MARGARET DE BATTISTA
Assistent Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Those who, within the time mentioned above, have presented such note, shall be served with the notification of a copy of the said sworn application, with the day that is set for the hearing of the case.

By order of the Court

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

Superior Jurisdiction, General Section

Today, the 8th of March, 2024

MARGARET DE BATTISTA
Assistent Reġistratur, for the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

713

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fis-17 ta' Marzu, 2023, fuq talba ta' Mary Cassar ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-padruni diretti mhux magħrufa fl-atti taċ-ċedola numru 532/2023 fl-ismijiet Mary Cassar vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegewenti:

